**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Duncan Buttigieg**

Illum 15 ta' Jannar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Duncan Buttigieg ta' 26 sena bin Mary Buttigieg imwieled Pieta' fit-3 ta' Mejju 1983 u residenti 25 Triq Dun Guzepp Naudi, Ghaxaq detentur ta' karta tal-identita 244783M:

Akkuzat talli bejn Mejju 2009 u Awwissu 2009 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jksru l-istess disposizzjonijet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,, jwe ta' hila, segha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, intrparizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika , ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' NM Arrigo, ai terminu tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamilt fasifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijeit jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai termini tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn dokument falz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Krminali, Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' NM Arrigo, ai termini tal-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligjiet ta' Matla;

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni uzajt il-kodici ta' dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra *f'computer,* ai termini ta' l-artikolu 337C(1)(i) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal- esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikoli 18, 183 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 18, 184 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-artikoli 18, 337C(1)(i), 337F tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

L-ufficjal prosekutur iddikjara li r-raba' imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti wara li hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat u l-fatt ukoll li huwa hallas parti mill-ammont li huwa ddefrawda (li f'dan il-kaz kien tlett elef euro) izda llum mhux f'posizzjoni li jkompli jhallas tqis li ghandha timponi prigunerija effettiva izda mhux fil-massimu. Irid ukoll jigi rilevat li l-artikolu 310 tal-Kodici Kriminali gie emendat wara l-prezentata tac-citazzjoni odjerna u invista li kien hemm emendi li inkwantu ghall-piena huma aktar favorevoli ghall-imputat il-Qorti se tapplika l-piena li hija l-aktar favorevoli ghalih.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat tal-artikoli 18, 49, 50, 183, 184, 308, 310(1)(b), 337C(1)(i) u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal hdax–il (11) xahar prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba ghal hlas ta' spejjez billi f'dawn il-proceduri ma gew nominati ebda esperti.

**Dr Josette Demicoli LL.D**

**Magistrat**